MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2239/2002

**Michael Falzon
vs
Charles Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-17 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u sitta u tmenin Liri Maltin u hamsin centezmu (LM686.50) jew somma ohra li tigi hekk likwidata minn dan it-Tribunal u ghandu jigi kkundannat ihallas l-istess somma jew dik li tigi hekk likwidata lill-attur wara li jigi ddikjarat illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-1 t'April, 2001, ghall-habta ta' l-4.15 p.m., fi Triq Hal Far il-Gudja, meta l-istess konvenut kien qed isuq vettura tat-tip Fiat Seicento bin-numru LCE 587 u minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, imperizja, negligenza u sewqan hazin da parti tieghu, ikkawza l-incidenta meta habat mal-vettura tat-tip Ford Fiesta bin-numru LAC 773, proprjeta' ta' l-**

**attur izda dak il-hin misjuqa minn Colin Briffa, kollox kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jirrifondi dan l-ammont izda baqa' dejjem inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Lulju, 2001 debitament notifikata, u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 t'Ottubru, 2001 fejn intqal illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija ta' l-esponent Charles Vella.**
**Illi l-esponent Charles Vella jirriserva li jecepixxi dwar il-kwantum mitlub mill-attur hekk kif ir-ricevuti relattivi jkunu disponibbli.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Sema' x-xiehda u ezamina id-dokumenti, sema' t-trattazjoni.**

**Ikkunsidra;**
**Illi l-kollizjoni 'de quo' issuccediet fi triq dritta xema', zewg karregjati singoli f'direzzjoni opposta. Hija il-kaz klassiku ta' kollizjoni waqt sorpass fl-inkrocju jew ossia vicinanza minima ta' T-Junction ossia fejn it-triq perpendikolari tinghaqad ma' dik traversali. Kif gja ritenut f'gurisprudenza kostanti, il-manuvra ta' surpass hija manuvra ta' natura eccezzjonali u mhux wahda regolari. Tigi adoperata unikament fil-kaz uniku biex tinqabez vettura. Mhux manuvra li tintuza b'mod regolari. Di fatti il-Highway code jistipola fejn tista' tintuza u fejn hija projbita. L-ambjent tal-kollizjoni odjerna hija ezattament wiehed minn dawn il-postijiet ipprojbiti specifikament peress li t-T-Junction hija potenzjata ghall-hrug u dhul u allura l-manuvra tas-sorpass tkun ta' periklu u/jew riskju ghall-utenti l-ohra.**

**Illi l-konvenut jallega li s-sewwieq tal-vettura ta' l-attur ma tah l-ebda indikazzjoni tal-ksur ghal Triq Has Saptan. Pero' dana huwa negat minn Colin Briffa (sewwieq) u Joseph Falzon (passiggier). Ex admissis il-konvenut naqas li jaghti indizzju li kien ser jipprova jaqbez lill-vettura ta' quddiema.**

**Illi tirrizulta kontestazzjoni fejn effettivament saret il-habta. Hemm divergenza fuq l-ispot of impact. Il-konvenut jallega li l-vettura pruvat taqsam il-kantuniera u tikser qabel il-bokka.**

**Apparti li dan huwa kontestat, tant huma vicin li ma tantx taghmel differenza. Kif spiccaw il-vetturi u l-marki li hallew jimmilitaw kontra t-tezi konvenuta. Dwar il-quantum tad-danni, l-istimi prodotti gew konfermati minn surveyor u ghalhekk qed jigu accettati.**

**Jiddeciedi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident ta' l-4 ta' Marzu, 2001 u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM686.50), bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------